**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 952/2015 AF**

**G-Max Limited (C35443)**

**vs**

**Yum Yum Foods Limited (C52179)**
**Clifford Zammit**
**Marie Louise Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Clifford Zammit u Marie Louise Zamit li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi talbu lil din il-Qorti tirrevoka u thassar in parti dan il-mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru 1551/15 datat 1 ta' Ottubru, 2015 u akkordat fl-istess gurnata u dan fil-konfront tar-rikorrenti Clifford Zammit u martu Marie Louise Zammit, filwaqt li zzommu ferm fil-konfront tas-socjetà ezekutata Yum Yum Foods Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' G-Max Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, Clifford Zammit u Marie Louise Zammit qed jitolbu lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn G-Max Limited. Dan qieghed isir a bazi tal-Art. 836 (1) (d) li jipprovdi ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju.

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest gie hekk miftiehem mill-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Mangion Galea vs Stewart (29 ta' Lulju 2005):

> *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja*

*m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti."*

Fil-kaz in ezami, mid-dokumenti pprezentati, ma jirrizulta minn imkien li Clifford Zammit u Marie Louise Zammit jista' jkunu personalment responsabbli ghall-hlas tal-ammonti pretizi minn G-Max Limited.

Il-Qorti tenfasizza li f'dan l-istadju kull ezami li qeghda taghmel qieghed isir ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dan illi l-mertu tal-vertenza jibqa' essenzjalment rizervat ghall-dik il-Qorti li tkun qed tikkonsidra u tiddeciedi il-kawza fil-mertu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tat-8 ta' Ottubru 2015 u thassar il-mandat numru 1551/15 limitatament fil-konfront ta' Clifford Zammit u Marie Louise Zammit. Il-mandat ghandu jinzamm fil-konfront ta' Yum Yum Foods Limited.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

IMHALLEF